GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR231864 | 27.11.2023 | 4 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Wirja artistika fil-Parlament ta' Malta b'risq id-Dar tal-Providenza***

Illejla, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia inawgura esebizzjoni b'risq id-Dar tal-Providenza.

F'diskors tal-okkażjoni, l-Ispeaker irrefera għall-ħidma li wettaq il-Monsinjur Mikiel Azzopardi, li ddiskrivieh bħala pijunier li għallem u ħeġġeġ lill-poplu Malti u Għawdxi jibdel l-attitudni tiegħu lejn il-persuni b'diżabilità hekk kif il-persuni b'diżabilità kienu mwarrba, esklużi, saħansitra mill-istess familjari tagħhom filwaqt li nissel fil-poplu mħabba u devozzjoni lejn il-persuni b'diżabilità u l-morda.

L-Ispeaker irringrazzja lill-artisti kollha, kemm Maltin u barranin, tal-ġenerożità kbira tagħhom, kif ukoll lill-dawk li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità f'pajjiżna u lir-residenti fid-Dar tal-Providenza.

Din l-okkażjoni kienet indirizzata wkoll mid-Direttur tad-Dar tal-Providenza, Fr. Martin Micallef. Fost dawn kien hemm għadd ta' artisti li taw l-opri artistiċi tagħhom biex jinġabru fondi meħtieġa b'risq id-Dar tal-Providenza.